2023/2621

21.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2621

tad-9 ta' Novembru 2023

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemendaw u jissupplimentaw il-ftehimiet għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk, rispettivament, li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward ta' Orizzont Ewropa fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi ("l-Istati Parteċipanti") fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA), b'mod partikolari l-obbligi finanzjarji tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-istrutturi regolatorji tal-PRIMA.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] stabbilixxa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("Orizzont 2020"). Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-PRIMA hija ffinanzjata mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-partijiet rilevanti tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE [3].

(3) Dsatax-il pajjiż qablu li jwettqu l-PRIMA b'mod konġunt billi jimpenjaw kontribuzzjonijiet finanzjarji, jiġifieri Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja; il-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020, jiġifieri Iżrael, it-Tuneżija u t-Turkija; u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati ma' Orizzont 2020, jiġifieri l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk.

(4) Skont id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, l-Istati Parteċipanti kollha għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi. Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk għandhom isiru Stati Parteċipanti soġġett għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-PRIMA.

[1] Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE ((ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

(5) Il-Ftehimiet għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni u l-Alġerija ([4]), l-Eġittu ([5]), il-Ġordan ([6]), il-Libanu ([7]) u l-Marokk ([8]), rispettivament, li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-PRIMA ("il-Ftehimiet KXT") ser jibqgħu fis-seħħ sakemm tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324.

(6) Skont l-Artikolu 2 tal-Ftehimiet KXT, ġew iffirmati arranġamenti ta' implimentazzjoni għal assistenza reċiproka (l-"arranġamenti ta' implimentazzjoni") bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet rispettivi tal-Alġerija, tal-Eġittu, tal-Ġordan, tal-Libanu u tal-Marokk. L-arranġamenti ta' implimentazzjoni jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 11(3) u (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 rigward l-azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324.

(7) Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 dwar il-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-PRIMA fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, bl-għan li testendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-PRIMA, għall-perjodu 2025-2027, mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-partijiet rilevanti tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 ([9]).

(8) L-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk esprimew l-interess tagħhom li jkomplu jipparteċipaw fil-PRIMA fir-rigward ta' Orizzont Ewropa. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni u l-involviment tagħhom fuq bażi ugwali mal-Istati Parteċipanti kollha, l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk, li mhumiex assoċjati ma' Orizzont Ewropa, għandhom jaċċettaw formalment it-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 billi jikkonkludu ftehimiet mal-Unjoni, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemendaw u jissupplimentaw il-Ftehimiet KXT, inkluż l-arranġamenti ta' implimentazzjoni ffirmati skont l-Artikolu 2 tal-Ftehimiet KXT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, għal ftehimiet, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemendaw u jissupplimentaw il-Ftehimiet għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk, rispettivament, li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward ta' Orizzont Ewropa fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

([4]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 316, 1.12.2017, p. 3).

([5]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 316, 1.12.2017, p. 9).

([6]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 29).

([7]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 79, 22.3.2018, p. 3).

([8]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 106, 26.4.2018, p. 3).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 1).

2. In-negozjati għandhom jitmexxew fuq il-bażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Kumitat Speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
N. CALVIÑO SANTAMARÍA

ANNESS

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TAL-FTEHIMIET, FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI, LI JEMENDAW U JISSUPPLIMENTAW IL-FTEHIMIET GĦAL KOOPERAZZJONI XJENTIFIKA U TEKNOLOĠIKA bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk, li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward ta' Orizzont Ewropa fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri.

Il-ftehimiet iffirmati mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, mar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, mar-Repubblika Libaniża u mar-Renju tal-Marokk ipprevedew it-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-PRIMA ta' dawk il-pajjiżi terzi mhux assoċjati ma' Orizzont 2020. It-termini u l-kundizzjonijiet huma dawk stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u dawk il-ftehimiet għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324.

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 għandha tiġi emendata biex testendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-PRIMA għall-perjodu 2025-2027 mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għal Orizzont Ewropa. Għalhekk, biex ikomplu jipparteċipaw fil-PRIMA, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk iridu jaċċettaw formalment l-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324. Il-ftehimiet, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jissupplimentaw il-ftehimiet attwali jridu jiġu nnegozjati u konklużi bl-għan li dawk id-drittijiet u l-obbligi l-ġodda jiġu estiżi għar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, għar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, għar-Repubblika Libaniża u għar-Renju tal-Marokk.

Il-ftehimiet li jemendaw u jissupplimentaw il-ftehimiet attwali jridu jirregolaw l-obbligi l-ġodda tal-pajjiżi terzi kkonċernati fir-rigward tal-Unjoni, preferibbilment billi jagħmlu referenza diretta għat-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324. L-obbligi l-ġodda jridu jinkludu kwalunkwe termini u kundizzjonijiet ġodda rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż l-involviment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Il-ftehimiet għandhom jintegraw l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka stabbiliti skont il-ftehimiet attwali.

Sabiex ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk ikunu jistgħu jkomplu jipparteċipaw fl-inizjattiva PRIMA, il-ftehimiet iridu jipprevedu applikazzjoni proviżorja malli jiġu ffirmati.

([1]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).